DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 166/2012

tat-28 ta' Settembru 2012

li temenda l-Anness VI (Sigurtà Soċjali) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni Nru U4 tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-proċeduri tar-rimborż skont l-Artikolu 65(6) u (7) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u l-Artikolu 70 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 [1] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) L-Anness VI għall-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat kif adatt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 9.3 (id-Deċiżjoni Nru U3) tal-Anness VI għall-Ftehim ŻEE:

"9.4 **32012 D 0225(01)**: id-Deċiżjoni Nru U4 tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-proċeduri tar-rimborż skont l-Artikolu 65(6) u (7) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u l-Artikolu 70 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 (ĠU C 57, 25.2.2012, p. 4)."

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni Nru U4 bil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ma' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Settembru 2012, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE jkunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL

[1] ĠU C 57, 25.2.2012, p. 4.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.